# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

Illum, il-Ġimgħa, 27 ta' Ottubru 2023

**Rikors Ġuramentat numru: 17/2006 BS**

**SA**

**-vs-**

**FS**

**Il-Qorti:**

Rat is-sentenza li tat fit-30 ta` Gunju 2023 fil-kawza fl-ismijiet premessi.

Rat illi l-parti dispositiva tal-istess sentenza kienet taqra hekk :-

*Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-tielet (3) talba attriċi u konsegwentement:*

i. *Tadotta d-diviżjoni proposta mill-periti tekniċi Vincent Ciliberti u Vincent Bonello; il-periti tekniċi maħtura f'dawn il-proċeduri, liema diviżjoni tinsab a fol. 1779 tal-proċess;*

ii. *Konsegwentement għal dak dikjarat fil-paragrafu numru (i), u tenut kont tal-osservazzjonijiet magħmula aktar 'il fuq f'din id-deċiżjoni; tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tnejn u erbgħin elf tmien mija u disgħin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€242,890.25ċ) sabiex jiġi ekwiparat il-valur li ser imiss lil kull parti wara d-diviżjoni tal-assi mobbli u immobbli skont il-pjan ta' diviżjoni propost mill-periti tekniċi;*

iii. *Tordna li l-flus u investimenti fil-valur ta' miljun mija u tmienja u sittin elf u tnejn u tmenin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€1,168,082.36ċ) jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet bl-aħjar mod possibbli tenut kont tan-natura u l-imgħax fuq l-istess;*

iv. *Tenut kont tal-fatt li l-valur indikat fil-paragrafu (iv) supra ma jinkludix fih l-ammont f'poloz ta' assigurazzjoni indikati f'paġna 20 u 21 tas-sentenza tat-13 ta' Lulju, 2012 bl-ittri (u) sa (z); dawn l-istess poloz għandhom fejn isejħu bħala benefiċċjarji lil kiunkwe' mill-ulied tal-partijiet kontendenti jiġu likwidati favur l-istess benefiċċjarji mentri fejn isejħu bħala benefiċċjarju lil ħaddieħor jiġu likwidati bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;*

v. *Dwar id-deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż din il-Qorti m'hijiex ser tidħol f'eżerċizzju fejn ser tkun hija li taqsam dawn l-oġġetti li jista' jkollhom valur sentimentali jew personali. B'dan li tordna għalhekk li kwalunkwe oġġetti li fuqhom jidher isem ta' xi parti għandha tmur lill-istess parti. Ir-rimamnenti għandhom jinbiegħu bil-liċitazzjoni bir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet. Għal dan l-għan din il-Qorti qiegħda minn issa tagħti aċċess konġunt fil-preżenza tal-legali tagħhom lill-partijiet f'din il-kawża għall-istess deheb, fidda, u ħaġar prezzjuż.*

vi. *Il-litiġji għandhom jipprosegwu kif imiss bir-rikavat jew dejn riżultanti minn kull wieħed jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet;*

vii. *Il-kreditu parafernali tal-konvenut kif likwidat filvalur ta' dsatax-il elf mija u ħamsa u disgħin ewro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€19,195.57ċ) għandu jitħallas lilu billi jitnaqqas mill-valur minnu dovut lill-attriċi skont id-diviżjoni tal-assi immobbli u mobbli.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.*

Rat ir-rikors li pprezentat mill-attrici tal-11 ta` Lulju 2023.

Rat illi fis-seduta tat-28 ta Settembru, 2023, il-konvenut tramite l-avukat tieghu ta ruhu b'notifikat bir-rikors seduta stante u gie akkordat terminu sat-2 ta Ottubru, 2023 sabiex jipprezenta risposta.

Rat ir-risposta tal-konvenut tat-2 ta Ottubru, 2023.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Rat illi fir-rikors guramentat, l-attrici talbet hekk :-

*Talbet ghalhekk lill-din il-Qorti:*

1. *Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti;*
2. *Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f'dawkil-beni ta kull xorta u natura, konsistenzi u sustanzi li jirrizultaw fil-kors tal-kawza, u f'dak il-passiv li jirrizulta li gie kkuntrattat bil-kunsens jew konoxxenza wkoll tal-attrici;*
3. *Taqsam il-komunjoni tal-akkwisti u tassenja nofs il- beni u l-passiv hekk rizultanti lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez inkluzi tal-mandat ta sekwestru numru 150/2006 kontra l-intimat, u bl-ingunzjoni tal-intimat ghas-subizzjonhi li ghaliha minn iss huwa mharrek.*

In vista ta' l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fir-risposta tieghu tat-2 ta Ottubru, 2023 din il-Qorti fl-ewwel lok tosserva illi r-rikors ta l-attrici gie pprezentat fil-11 ta Lulju, 2023. Is-sentenza inghatat fit-30 ta Gunju, 2023 u ghalhekk ir-rikors ta l-attrici gie pprezentat entro it-terminu ta hmistax -il jum pprovdut fl-Artikolu 235 tal-Kap 12 Ligijiet ta Malta.

Tinnota wkoll illi ghalkemm id-digriet ta din il_Qorti tat-18 ta Settembru, 2023 li permezz tieghu appuntat ir-rikors ghas-smigh u trattazzjoni ma giex notifikat lill-konvenut, il-verbal tat-22 ta Settembru, 2023, li permezz tieghu il-Qorti regghet appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni ghal nhar it-28 ta Settembru, 2023, gie notifikat lill-konvenut personalment fis-26 ta

Settembru, 2023. Infatti il-konvenut u d-difensur tieghu deheru fis-seduta tat-28 ta Settembru, 2023. Fid-dawl ta dawn il-fatti il-Qorti tqis illi l-partijiet kienu debitament imharrkin ai termini tal-ligi.

Rat ukoll illi fil-parti dispositiva tas-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 2023, ghalkemm il-Qorti addottat il-pjan ta divizjoni tal-periti mahtura mill-Qorti ma assenjtax il-beni hemm elenkati lill-partijiet. Barra minn hekk ghalkemm il-Qorti f'paragrafu (iii) ordnat illi is-somma ta €1,168,082.36 tinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet ma ordnatx lill-konvenut jassenja nofs is-somma lill-attrici, u fl-ahharnett rigward l-ispejjez il-Qorti naqset milli ticcara illi ghalkemm l-ispejjez tal-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet madankollu dan ghandu jkun ghajr ghall-ispejjez tas-sentenza parzjali tal-12 ta April, 2007 u tas-16 ta Settembru, 2009 li ghandhom jibqghu kif decizi dak inhar.

Rat illi t-talba li ghamlet l- attrici bir-rikors taghha tal-11ta` Lulju 2023 hija fondata skont l-Art 235 tal-Kap 12.

**Ghaldaqstant, b`zieda ma` dak li kien deciz bis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 2023 fuq riferita, il-Qorti qieghda : Tassenja is-segwenti propjetajiet lil Angelina Schembri :**

- **a) Nofs (1/2) indiviz mill-Fond numru 4, fi Triq Marina, Marsalforn, Ghawdex;**
- **b) L-enfitewsi perpetwa ta l-arja li fuqha inbnew tliet flats fi Triq Gdida, fi Triq il-Bajja tax-Xwejni, Xwejni, Ghawdex, u ghalhekk illum il-flats li qed jigu assenjati lil Angelina Schembri huma dawk internament immarkati bin-numru tnejn (2) u n-numru erbgha (4) bl-arja taghhom kif ukoll l-arja tal-flat internament immarkat bin-numru sitta (6);**
- **c) Il-qabar numru seba mija u seba u sittin (767) fic-Cimiterju ta Santa Marija, limiti Victoria, Ghawdex;**
- **d) Nofs (1/2) indiviz tal-garage b'zewg bibien immarkati bin-numri tnejn (2) u tlieta(3) formanti parti mill-blokk maghruf bhala "Ta Marcell Court" Fi Triq Manewl Magro, Marsalforn;**
- **e) Il-Fond inkluz il-garaxx, minghajr numru, bl-isem "Redentur", fi Triq Mattia Preti, Victoria;**

**f)** **Nofs (1/2) indiviz tad-dirett dominju u propjeta assoluta bic-cens annwu u temporanju tal-fondi bin-numri tlieta (3) u erbgha (4), fi Pjazza San Gorg, Victoria;**
**g)** **Kreditu ta mija u tmenin elf ewro (€180,000) valur ta benefikati li saru f'sit propjeta parafernali tal-konvenut, konsistenti f'bini ta flats u hwienet minflok il- fondi bin-numru disgha (9), ghaxra (10) u hdax (11) fi Triq Ulisse, Marsalforn;**
**h)** **Kreditu ta sebgha u tletin elf (€37,000) valur ta benefikati li saru konsistenti f'bini ta tlett sulari u semi basement fi Pjazza San Gorg , Victoria minflok il-fondi tlieta (3) u erbgha(4);**
**i)** **Il-vettura ta l-ghamla Toyota bin-numru ta registrazzjoni LCI 716.**

**Tassenja lill-konvenut FS is-segwenti:**

**a)** **Nofs indiviz (1/2) ta kamra bla numru fi Triq Marina Marsalforn, liema kamra illum tifforma parti mir-restaurant "Naptune's Restaurant", konfinanti mix-Xlokk ma Triq Marina, Grigal u Lbic ma beni ohra tal-konvenut u ohrajn;**
**b)** **Ottava parti (1/8) indiviza mill-hanut bl-isem "Neptune's Restaurant" fi Triq Marina, Marsalforn, konfinanti mix-xlokk ma Triq Marina, mill-lbic ma beni li gew assenjati lill-attrci Angelina Schembriu grigal ma beni ta Dr Salvino Galea jew successuri tieghu fit-titolu;**
**c)** **Nofs indiviz (1/2) tad-drittijiet ereditarji li kellhom Antonio u Rosa ahwa Schembri mis-successjonijiet ta Francesco Schembri, Grazia Schembri, George Spiteri u Loreta Spiteri li gew akkwistati mill-partijiet b'kuntratt tat-22 ta Jannar, 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri;**
**d)** **L-avvjament tan-negozju tar-restaurant "Neptune's Bar & Restaurant" li jinsab fi Triq Marina , Marsalforn, limiti ta Zebbug, Ghawdex;**
**e)** **Is-somma ta mitejn u erbghin elf ewro (€240,000) bhala kreditu ghal benefikati li saru fir-restaurant "Neptune's Restaurant", li jinsab fi Triq Marina, Marsalforn, limiti ta Zebbug, Ghawdex;**
**f)** **Il-vettura ta l-ghamla Isuzu Pick up bin-numru ta registrazzjonij JBB 563;**
**g)** **Il-lanca bl-isem "Peppina" bin-numru ta registrazzjoni MFA 0384;**
**h)** **Il-lanca bl-isem "Nettuno" bin-numru ta registrazzjoni MFA 0356,**
**i)** **Frejgatina minghajr isem.**

**In oltre il-Qorti qed tassenja lill-attrici is-somma ta hames mija erbgha u tmenin elf, u wiehed u erbghin ewro u tmintax -il centezmu (€584,041.18) rapprezentanti nofs is-somma ta miljun mija u tmienja u sittin (€1,168,082.36) u tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici dan l-ammont bl-imghax mid-data tas-sentenza.**

**Bl-ispejjez tal-kawza jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet ghajr ghal dawk ispejjez konnessi mas-sentenzi pazjali tat-12 ta April, 2007 u dik tas-16 ta Settembru, 2009, li ghandhom jibqghu kif gew decizi f'dawk is-sentenzi.**

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**